**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 508/2017*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**(Spettur Elton Taliana)**

**-vs-**

**Simon Borg detentur tal-Karta tal-Identita` numru 208085M.**

Illum: 16 ta' Dicembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Simon Borg** u cioe` talli:

F'xi jiem qabel l-14 ta' Novembru, 2017, f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, liema serq huwa aggravat bil-valur, għad-dannu ta' Emanuel Mangion;

2. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, saq l-imsemmija vettura u ċioe' vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ mingħajr il-kunsens tas-sid, u ċioe` Emanuel Mangion;

3. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu, jew taħt ir-responsabbilta` tiegħu, vettura bil-mutur u ċioe` vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, liema vettura m'hiex reġistrata ma' l-Awtorita;

4. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, żamm vettura bil-mutur u ċioe` vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazjoni valida, jew permess tac-ċirkolazzjoni validu jew diska tal-liċenzja temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, maħruġa mill-Awtorita;

5. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi kien fil-pussess ta' vettura bil-mutur u ċioe` vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, kemm jekk wieqfa jew misjuqa, mingħajr ma kellha pjanċi maħruġa minn xi awtorita kompetenti;

6. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, għamel użu minn marki ta' reġistrazzjoni xort'oħra min dawk mogħtija mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur u ċioe` fuq vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ;

7. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura u ċioe` fuq vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tax-chassis DBASCP100CHXNKJ, mingħajr polza ta' l-assigurazzjoni dwar riskju għal terzi persuni;

U aktar talli nhar is-07 ta' Novembru, 2017, għall-ħabta tas-18.30 ta' filgħaxija, min ġewwa Binja fi Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta f'B'Kara,

8. Ikkommetta serq (ta' diversi għodod), liema serq hu kwalifikat bil-valur, mezz u ħin għad-dannu ta' Cedric Zammit u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli nhar it-03 ta' Novembru, 2017, għall-ħabta 04.30 ta' filgħodu, minn ġewwa Ozone Properties, fi Triq il-Masġar, f'Ħal Qormi,

9. Ikkommetta serq (ta' diversi għodod), liema serq hu kwalifikat bil-valur, mezz u ħin għad-dannu ta' Carlo-Antonio Vassallo u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

10. Talli f'diversi ġranet u f' dawn il-Gzejjer wara li kien ikkundannat f' Malta għal-serq, jew għal riċettazjoni, kien fil-pussess ta' oġġetti li ma kienux tal-kundizzjoni tiegħu mingħajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu ġew leġittimament għandu, inkella instabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgasssar ta' serratui, mingħajr ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu instabu għandu bi ksur ta Art 287 tal-Kap.9 tal- Ligijiet ta Malta;

11. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Francesco Depasquale LL.D., f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra, u ċioe' li jkun fid-dar

f'ħinjiet speċifikati kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Simon Borg u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 euro bħala depożitu u 5,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. U aktar talli kkommetta reati waqt li kien taħt ordni ta' probation, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. J. Demicoli LL.D. nhar id-19 ta' Jannar, 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

13. U aktar talli ikkommetta reati li għalihom hemm il-piena ta' priġunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, mogħtija mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. nhar id-19 ta' Jannar, 2015.

14. Barra min dan, l-imputat Simon Borg huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi w ma jistgħax jiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' kundanna, tiskwalifika lill imputat, milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 261(c), 267, 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fir-regolamenti 3, 13(2), 32(7) u 44(5)(6)(7)(a)(d) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 3(1)(2)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 28B, 49, 50, 287, 289 u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikolu 21(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'kellux oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

---

[1] Fol.410

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

**Il-Provi**

Serqa f'B'Kara

**Current Incident Report 8/R/4332/2017** jirrigwarda serq li sehh fis-7 ta' Novembru, 2017, ta' *bandsaw* minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Dun Karm Pirotta, B'Kara hdejn il-Vodafone.[2] Is-sit kien thalla fil-14.30 tal-jum ta' qabel u rritornaw fis-6am l-ghada. L-entratura tas-sit hi fi Triq Karm Pirotta, u l-*bandsaw* kienet fis-sular ta' fuq. Biex insterqet l-ghodda infetah hajt ta' 4 filati, peress li kellha tinhareg minn hemm, *"Minn hawn tellghu l-magna ghal parking li jinsab hdejn il-Vodafone l-Gdid, fejn kienu ghamlu xi travetti tal-injam fuq xulxin sabiex jistghu itellghu din il-magna."* Cedric Zammit stqarr li l-ghodda kienet tieghu. Minn *cctv footage* fil-qrib dehret vettura diehla fil-parkegg ta' fuq is-sit ta' kostruzzjoni fil-18.22hrs (*real time*) u telqet fil-19.58hrs (*real time*).[3] Dan ir-rapport ikkonfermah **PS609 James Magro** li zied li kien gie mghoddi ritratti tal-magna ghaddejja fit-triq mghobbija fit-Toyota Ractis, liema ritratt gie mghoddi lil-Ispettur Taliana.[4] Dawn ir-ritratti li fihom tihder it-Toyota b'oggett goff fuq wara gew esebiti bhala **Dok.ET1**.[5]

**Cedric Zammit** spjega kif fit-8 ta' Novembru, 2017, mar ghax-xoghol fuq is-site fil-By-Pass ta' B'kara u ma sabx il-magna li taqta' l-*bricks* taz-zewg lupi. Kien hallieha hemm u poggiha f'kamra *"izda <u>nqalghu xi hitan biex harguha</u> din l-magna, saret l-hsara u ma sibtiex hemm, sibt il-plastic mal-art…<u>anke l-hitan qalghu</u> biex harguha din il-magna"*. Spjega l-ingress kif sar u li kien mar jara *footage* minghand girien tas-*site*. Fis-6.15pm lejliet li saba nieqsa, raw nies gejjin b'Toyota Ractis, pparkjaw quddiem is-*site* u nizlu b'*torches* u ghamlu madwar 1.30 hrs diehlin u hiergin bit-*torches*, ***"U wara ftit rajnihom hergin bil-magna"***[6] **li giet mghobbija nofha gewwa u n-nofs l-iehor fuq it-tyres ghax ma dahlietx kollha** fit-Toyota. Wara appell li ghamel fuq Facebook biex tintsab il-magna li kienet l-ghixien tieghu, rcieva ritratt tat-Toyota Ractis mghobbija bil-magna ghaddejja fejn il-mina ta' Santa Venera. Ircieva informazzjoni minn persuna li xtaq jibqa' anonimu, li l-imputat kien imur ghax-xoghol mieghu propju b'dik il-vettura, li fiha ra mghobbija l-magna se taqa' u ma taqax minn fuq wara, u jsemmi li **l-**

---

[2] **Dok.KB5** a fol.26 et seq.
[3] Fol.28
[4] Fo.68-69
[5] Fol.115
[6] Fol.41-42

**vettura kienet qed tinstaq mill-imputat bla numri.** Dik l-informazzjoni imbghad ghaddiha lill-pulizija.[7] Il-magna gharafha bhala tieghu peress li kien hu li ghamilha *switches "hija maghmulha kwazi kollha minni"* ghaliex ghamel numru ta' *modifications* fuqha.[8] Biex juri li l-magna tieghu esebixxa certifikat tal-magna.[9] Il-valur taghha hu ta' **€2,700**.[10]

**L-Ispettur Elton Taliana** spjega l-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija fir-rigward tas-serqa fi Triq Karmenu Pirotta, B'Kara wara rapport ta' Cedric Zammit li sussegwentement ghaddilhom informazzjoni w ritratti. Il-pulizija tkellmet ma min kien taha l-informazzjoni lil Zammit u dan identifika lill-imputat bhala l-persuna li raha bil-*bandsaw*. Meta Borg gie arrestat instabu hafna ghoddod fil-vettura misjuqa minnu, u sussegwetement ittiehdietlu stqarrija.[11] Talian esebixxa *stills*[12] li ttiehdu wara li gew mnizzla minn *footage* fil-vicinanzi tal-post derubat li fihom tidher vettura fil-parkegg kif jissemma fil-Current Incident Report.[13]

<u>Serqa f'Hal-Qormi</u>

Mill-**Current Incident Report 2/C/3007/2017**[14] jirrizulta li sehh sgass f'sit ta' kostruzzjoni f'Hal-Qormi minn fejn insterqu numru ta' ghoddod. Bieb tal-hadid gie sgassat biex il-malviventi gwadanjaw l-access ghall-fond u fis-sular ta' fuq, gie sgassat bieb iehor maqful b'katnazz li gie mqaccat. Kaxxa tal-hadid maqfula b'katnazz ukoll giet sgassata biex minnha ttiehdu xi ghodda. Il-fond inghalaq fil-5pm tal-jum ta' qabel (2 ta' Novembru, 2017) u l-sgass gie nnutat fis-6:15am tat-3 ta' Novembru, 2017.[15] Minn *cctv footage* fil-vicinanzi tal-fond derubat, dehret vettura Toyota Fun Cargo/Ractis silver li dehret tipparkja quddiem is-sit ta' kostruzzjoni ghall-habta tal-<u>4.30am</u> minn fejn niezlu zewg persuni, u halliet il-post fil-<u>5.52am</u>.[16] **PS274 James Turner** ikkonferma dan ir-rapport[17] u pprezenta *stills* li nhargu mill-filmat li ezaminat l-pulizija fl-indagini taghha.[18]

---

7 Fol.43
8 Fol.44-45
9 Fol.47
10 Fol.46
11 Fol.112-114
12 **Dok.ET1** a fol.115
13 **Dok.KB5** a fol.26 et seq.
14 **Dok.KB3** a fol.15 et seq
15 Fol.18
16 Fol.19
17 Fol.35
18 Fol.37. *Stills* esebiti bhala **Dok.JT1** a fol.40

**L-Ispettur Kylie Borg** taghat rendikont tal-investigazzjoni mmexija minnha rigward serqa fit-3 ta' Novembru, 2017 f'Hal-Qormi, fejn kien gie sgassat sit ta' kostruzzjoni. Fuq il-lok dehret Toyota Ractis.[19] Fil-frattemp giet mgharrfa mill-Ispettur Taliana rigward serq iehor f'B'Kara fejn *bandsaw* tghabbiet f'Toyota Ractis.[20]Fl-14 ta' Novembru, 2017, instabet il-vettura suspettata f'dawn is-serqiet u minnha gie arrestat l-imputat.

Esebiet *logbook*[21] ta' vettura ACE782 li jappartjeni Peugot 406 li nstab ma bosta ghoddod fl-istess vettura; *road licence* ta' vettura registrazzjoni numru BCD248[22] u pjanci ta' registrazzjoni HBN342, EBP156 u FBB016[23] u cwievet tal-vettura Toyota Ractis[24] li giet esebita formalment.[25]

**Advic Dzemel** xehed li jahdem ma CE Installations u f' Novembru, 2017, kien qed jaghmel xoghol ta' *electrician* fuq sit quddiem il-Maltapost, Hal-Qormi. Kien halla s-sit fil-5pm u dahal l-ghada fis-6.15am fejn sab il-bieb ta' isfel miftuh u l-bieb ta' fuq, li kien jithalla maghluq, miftuh ukoll.[26]

**Carlo Antonio Vassallo** in rapprezentanza ta' CE Installations spjega li kienu inkarigati b'xoghol ghal OZO Property Group f'Hal-Qormi. Marru ghodwa minnhom u sabu l-katnazzi tal-stores miftuhin "*Ta' barra kien imqaccat*". Bhala ghodda sabu nieqsa 3 *tool boxes* li jiswew €150-€200, *jigger* li jiswa €500 u *grinder* li jiswa €250; valur globali ta' **€1,200-€1,350**.[27] Riprodott u biex jikkonferma l-istimi tieghu, esebixxa numru ta' *invoices*[28] izda l-Qorti ma tistax tiddeccifra hi ghall-liema ghodda qed issir riferenza tenut kont li f'*invoice* minnhom hemm zewg *items*.[29] Ghalhekk ser tistrieh fuq l-istima konservattiva originarjament moghtija mix-xhud.

Arrest u Rizultanzi Ulterjuri

**Current Incident Report** iehor[30] jindika kif instabet vettura Toyota Ractis li skond informazzjoni li nghatat il-pulizija kien qed jaghmel uzu minnha l-imputat. Il-pjanci tal-vettura ma kienux taghha. Borg gie arrestat in segwitu ta'

---

[19] Fol.147
[20] Fol.148
[21] **Dok.KBZ1**
[22] **Dok.KBZ1**
[23] **Dok.KBZ3-5**. Exhibit 247/2018 a fol.154
[24] **Dok.KBZ4** Exhibit 247/2018 a fol.154
[25] **Dok.KBZ5**. a fol.155
[26] Fol.77-78
[27] Fol.88-89
[28] **Dok.CAVZ** a fol.207 et seq.
[29] Fol.210
[30] **Dok.KB4** a fol.20 et seq

rondi li kienu qed isiru fejn jabita. F'din il-vettura, fuq in-naha tal-passigier, instabu *set spanners*, ingwanti homor u basket tal-ghodda, filwaqt li wara x-xufier, instabu mobile phone Samsung, imqass kbir (2" twil), *jigger power tool* w ammont konsiderevoli ta' *electrical fittings*. Fil-bagoll instabu aktar ghoddod zghar w aktar *electrical fittings*. Taht is-seat tax-xufier instab *logbook* ta' Peugot 406 ACE782 li tghajjat lil Karl Attard. Ir-*road licence* fuq it-Toyota kienet tghajjat vettura Citroen BCD-248 li tappartjeni lil Esmeralda Castrogiovanni.[31] Taht is-seat tax-xufier instabu pjanci ta' registrazzjoni HBN342 ta Chevrolet Matiz li tghajjat lil Catherine Carabott, filwaqt li fuq il-vettura kienu mwahhla pjanci EBP156 li jappartjenu ghal Toyota li tghajjat lil Alfred Borg. Instabu pjanci ohra FBB016 li jappartjenu Toyota Hilux li tghajjat lil Emanuel Hayman. Go dahhla biswit garage propjeta` tal-partner tal-imputat instabu zewg pjanci ta' registrazzjoni LAC137 li jappartjenu lil certu Emanuel Mangion.[32] Dan ir-rapport gie kkonfermat ukoll minn **PS274 James Turner**.[33]

**PS918 Clayton Azzopardi** ddeskriva kif bejn il-lejl tat-13 u 14 ta' Novembru, 2017, waqt li kien ronda ma PC1352 ghall-habta tad-9pm fi Triq l-Iljun, Marsa, lemah Toyota Ractis li kienet mfittxija mill-pulizija. Bdew jiccekjaw in-numri tal-pjanci FBB016 pero` rrizulta li dawn kienu jghajjtu Toyota Hilux. Il-vettura ccaqalqet minn fuq il-post u peress li kien hemm informazzjoni li x-xufier seta' kien Borg, saqu lejn l-akkwati fejn ikun l-imputat. Ghall-12:15am tal-14 ta' Novembru, 2017, ra Toyota Ractis tiela' minn rampa fi Triq Hal Mula, Haz-Zebbug li waqfet x'hin lemhet il-Pulizija. Kif ix-xhud hareg mill-vettura Borg gholla jdejh u qallu *"qbadtni tippanikjax dak il-hin ghax jien tlabt l-assistenza…ma tkessahx maghna"*.[34] **Fil-vettura lemah diversi oggetti relatati ma serq**, *"ingwanti, cutter tax-xbieki fuq wara, kellha xeba fittings, jiggers….pjanci"*.[35] Jirrimarka li nstabu numru ta' pjanci u *"kif waqqafna l-vettura **l-pjanci ta' quddiem ma kinetx taqbel mal-pjanca ta' wara**….ta'quddiem kienet…**EBP156** li kienet tappartjeni lil Alfred Borg u tghajjat vettura Toyota u fuq wara l-istess numru li konna rajna l-Marsa kien qieghed fuq wara **FBB016**"*.[36]

Stqarrija tal-Imputat

Fl-istqarrija tieghu l-imputat jammetti li halla impjieg fil-kostruzzjoni minhabba l-vizzju ta' droga. Dwar il-vettura li tidher fil-filmat tas-serqa minn B'Kara jghid li t-Toyota Ractis mhux tieghu w kienet ilha ghandu madwar

[31] Fol.24
[32] Fol.25
[33] Fol.37
[34] Fol.255-256
[35] Fol.256
[36] Fol.257

gimgha u nofs, meta l-istqarrija tieghu ttiehdet fl-14 ta' Novembru, 2017 u s-serqa koncernata fit-8 ta' Novembru, 2017! B'hekk l-imputat qed jikkonferma li kien qed jaghmel uzu mill-imsemmija vettura w kellu altru zmien bizzejjed biex jinduna x'kien hemm fiha, multo magis tenut kont li kienu mferxxa mal-vettura kollha! Ma wiegeb ghall-ebda domanda dwar is-serqiet mertu tar-rapporti msemmija.

Dikjarazzjoni important hafna, li tinciedi direttament fuq l-imputazzjonijiet addebitati w senjatament dawk ta' serq kif ser jigi muri aktar il-quddiem, hi dik li jaghmel meta mistoqsi dwar il-vettura Toyota Racis li gie arrestat minn go fiha, fejn jikkonferma li kien **hu biss li jaghmel uzu minnha *"Jien biss"*.**

Ikompli li qabad u hadha mill-garaxx tar-ragel t'ohtu, Emanuel Mangion, *car dealer*:[37] ***"Ic-cavetta qbadt u hadtha minn gol-garage tieghu…ma jafx li jien hadtlu din il-karozza".***[38] Mistqosi dwar il-pjanci ta' registrazzjoni li nstabu fiha EBP156 u FBP016 jghid li hu ha l-vettura kif kienet.[39] Mitlub jghid x'kien fiha l-vettura jghid li *jigger* kien ta' habib tieghu Robert Meli li tahulu biex jaghmel xoghol f'saqaf f'ghalqa li rrifjuta jaghti dettalji ulterjuri dwarha. L-ghoddod l-ohra kollha misjuba fiha jinsisti li kienu tieghu.[40] Jghid li l-*logbook* u *road licence* li nstabu fit-Toyota kienu fiha filwaqt li n-number plate HBN342, sabu fir-rampa tal-garaxx tat-tfajla (Haz-Zebbug) u kien intenzjonat jiehdu l-ghassa x'hin isib hin. Ma setghax jaghti twegiba kif pjanci LCA137 li jghajjatu lil Mangion ('Id-Dielja') li joqghod iz-Zurrieq, nstabu mgezzwrin mal-*hoodie* tieghu f'Haz-Zebbug, *"Ma nafx kif gew Haz-Zebbug"*[41] u jzid li *"Mhux jien ghamiltu dak is-serq kollu u d-Dielja la qed narah u l-anqas qed nisma lehnu."*[42] Lejn tmiem l-istqarrija jammetti li fil-passat gie misjub hati fuq serq.[43]

**L-Ispettur Kyle Borg** esebiet numri ta' okkorenzi: (i) Emanuel Hayman fit-8 t'Ottubru, 2017 rraporta li tilef in-numru ta' registrazzjoni tieghu FBB016 x'imkien f'Rahal il-Gdid;[44](ii) Sarah Anne Carabott irraportat fl-14 ta' Novembru, 2017, li nserqulha l-pjanci tal-vettura taghha Chevrolet HBN342;[45](iii) wara rapport minn Esmeralda Castrogiovanni f'Lulju, 2017 il-pulizija tkellmet ma certu Emanuel Mangion li ammetta li l-vettura ta'

---

[37] Fol.31
[38] Fol.31
[39] Fol.31
[40] Fol.32
[41] Ibid.
[42] Fol.33
[43] Ibid.
[44] Fol.170-171
[45] Fol.172-173

Castrogiovanni kienet mizmuma ghandu;[46](iv) Darren Aquilina rraporta li fit-12 ta' Novembru, 2017, sab il-bieba tal-vettura tieghu ACE782 sgassat,[47] u (v) fit-12 ta' Dicembru, 2014, Ruth Borda rrapurtat li nsterqu l-pjanci tal-vettura ta' missierha EBP156.[48]

**Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed li **ACE782** jappartjenu Peugot 406 silver registrata fuq Raymond Mallia sa mill-20 ta' Novembru, 2017[49]; **BCD248** jappartjenu Citroen C3 registrata fuq Esmeralda Castrogiovanni sa minn Mejju, 2016;[50] **HBN324** jappartjenu lil Toyota Yaris hamra registrata fuq Joseph Borg sa mill-2013;[51] **EBP156** jappartjenu ghal Toyota Ractis silver registrata fuq Alfred Borg sa minn Frar 2016;[52] **FBB016** jappartjenu Toyota Hilux griz registrat fuq Emanuel Hayman minn April, 2017;[53] **LAC137** jappartjenu Peugot 306 hamra registrata fuq Emanuel Mangion sa mill-2010.[54] **Vettura b'chassis number DBASCP100CHXMKJ ma kienitx registrata ma Transport Malta**. L-imputat kellu licenzja valida tas-sewqan.[55]

**Sarah Ann Carabott** ikkonfermat *viva voce* li rrapurtat il-pjanci **HBN342** nieqsin[56] minn fuq il-vettura t'ommha **Catherine Carabott** li wkoll ikkonfermat l-istess.[57] **Darren Aquilina** kkonferma li sab il-bieba sgassata tal-Peugot tieghu fejn nefaq mal-€400 biex tissewwa, kif ukoll inseraqlu l-***logbook***.[58] **Emanuel Hayman** xehed kif rraporta li haseb li tilef in-*number plate* **FBB016**.[59] **Ruth Borda** ikkonfermat dan u semmiet li l-vettura kienet Toyota Ractis.[60]

**Emanuel Mangion** dealer xehed li t-Toyota Ractis kienet fil-garaxx tieghu z-Zurrieq fejn Simon Borg, hu martu, kellu access ghaliha. Kien hu li tah access ghac-cwievet tal-garaxx izda **ma tahx permess jiehu l-vettura** li jghid li Borg *"Hadu <u>mhux bil-permess</u> imma b'kunfidenza"*.[61] Izid ***"Ma kontx tajtu l-kunsens,***

---

[46] Fol.176
[47] Fol.179
[48] Fol.216
[49] Fol.57 juri li qabel l-20 ta' Novembru, 2017 kienet tappartjeni lil Karl Attard
[50] Fol.58-59
[51] Fol.60-61
[52] Fol.62-63
[53] Fol.64-65
[54] Fol.66-67
[55] Fol.52-53
[56] Fol,189
[57] Fol.191
[58] Fol.197
[59] Fol.203
[60] Fol.248
[61] Fol.249-250

***ghax mhux jien tajtulu biex jiehdu*** *[Prosekuzzjoni: Igifieri* ***qabad w hadu?] Iva****".*[62] Peress li kien importah mil-Japan kien ghadu ma giex registrat u ghalhekk kien ghadu bla pjanci. Hu pparkjah fil-garaxx u fih ma kienx hemm ghajr l-*jack* u l-ghodda li jkun hemm f'kull vettura.[63] Insurance ma kienx ghamillu.[64]Il-garaxx *"kont inhallihulu miftuh"* u l-vettura kienu jkunu bic-cwievet maghhom.[65]Riprodott jghid li *logbook* taghha ma kellux ghax kien jimporta vetturi biex iqatta' minnhom ghall-*parts*. Madanakollu gie registrat qbil li t-Toyota Ractis in kwistjoni kienet propjeta` ta' Mangion.[66]

*Social Enquiry Report* u Xhieda dwar Progress ta' Borg

**Probation Officer Maria Mifsud** li giet inkarigata thejji *social enquiry report* li gie prezentat in atti,[67] spjegat li Borg beda jittella' l-Qorti meta kien ghad kellu 20 sena. Sar kuntatt mal-vittmi fejn Cedric Zammit wera' x-xewqa li tigi ritornata lilu l-magna li nserqet. L-imputat esperjenza trawma meta sar jaf li min rabbieh ma kienx il-missier bijologiku tieghu.[68] Hutu w neputijiet ukoll inflitti mill-vizzju ta' droga. Borg jinkwieta ghall-familtu w jipprova jghinhom tant li dan xekkel il-rijabilitazzjoni tieghu. Semmiet kif kienet saret denunzja fil-konfront tal-imputat wara li ma segwiex numru t'appuntamenti. Kien hemm zmien meta s-sahha mentali tieghu ddeterjorat b'mod drastiku w gie rakkomandat li jigi segwit minn psikologu fil-habs. Gie spjegat lilha mill-psikologa, li l-imputat beda jiehu dawn is-sezzjonijiet bis-serjeta`. Bhala pjan ta' kura Mifsud tindika l-bzonn li jibqa jattendi appuntamenti mal-psikologu u eventwalment jitla' programm ta' rijabilitazzjoni ta' droga.[69] Riprodotta tixhed li Borg kien iccaqlaq ghal Division 18 fejn jahdem fil-Habs. L-istat emozzjonali tieghu kien dejjem *an issue* peress li jiehu hafna responsabbilita fejn tidhol il-familja tieghu li jaghtiha hafna support emozzjonali meta l-prijorita` ghandha tkun li jiehu hsieb innifsu. Il-fatt li zamm kuntatt maghha hu fattur posittiv.[70]

**Il-Psikologa Tracey Attard** spjegat li bdiet ssegwi lil Borg minn Jannar, 2019, wara li beda jbghati minn ansjeta`. Sabet problema tad-droga w trawma

---

[62] Fol.251
[63] Fol.251-252
[64] Fol.252
[65] Fol.252
[66] Fol.383
[67] **Dok.MM** a fol. 278 et seq
[68] Fol.275
[69] Fol.276
[70] Fol.415

psikologika. Dejjem wera interess fis-sezzjonijiet u wera interess li jibdel hajjtu w imur program. Osservat progress fih ghax gharraf l-*issues* tieghu.[71]

**Helenio Galea** semma li Borg dahal il-habs fl-2018, fejn kien hemm okkazzjonijiet li fihom instab posittiv ghad-droga, l-ahhar darba f'Ottubru, 2019.[72] L-imputat kien jhadem fil-kcina tal-habs u kien miexi sew.[73]**SM099 Brian Bellotti** ikkonferma li Borg irregistra kambjament kbir, qed isegwi trattament tal-psikjatra u *therapy* wara l-hin tax-xoghol. Kien hemm *improvement* fil-karattru tieghu w fil-mod li jgib ruhu ma ufficjali tal-habs.[74]

**<u>L-imputazzjonijiet</u>**

Ser jigu kkunsidrati l-imputazzjonijiet diversi w issir riferenza ghall-provi saljenti li jsostnuhom. Qabel xejn jinghad li fir-rigward tal-*stills* esebiti **Dok.ET1** u **Dok.JT1**, id-difiza ezentat il-prosekuzzjoni mill-htiega li jittella' PS122 biex jikkonferma li kien hu li nnizzilhom mill-*footage*.[75]

<u>L-Ewwel Imputazzjoni: Serq tal-Vettura</u>

**Emanuel Mangion** xehed li t-Toyota Ractis kienet fil-garaxx tieghu z-Zurrieq fejn Simon Borg, hatnu, kellu access ghaliha. Kien hu li tah access ghac-cwievet tal-garaxx **izda ma tahx permess jiehu l-vettura** li jghid li Borg *"Hadu mhux bil-permess imma b'kunfidenza"*.[76] Izid *"**Ma kontx tajtu l-kunsens, ghax mhux jien tajtulu** biex jiehdu [Prosekuzzjoni: Igifieri qabad u hadu?] Iva"*.[77]

Hu l-istess Borg li jikkonferma dan u jsostni li Mangion ma kienx konxxju tal-fatt li hu hadlu l-vettura: Fil-kors tal-interrogazzjoni tieghu Simon Borg jiddikjara ***"Ic-cavetta qbadt u hadtha minn gol-garage tieghu….<u>ma jafx</u> li jien hadtlu din il-karozza".***[78]

[71] Fol.417
[72] Fol.422
[73] Fol.423
[74] Fol.425
[75] Verbal 20.03.2019 a fol.222
[76] Fol.249-250
[77] Fol.251
[78] Fol.31

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Clifford Camilleri**[79] li fiha gie kkunsidrat:

> Illi x'inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** jghallem[80] li
>
> *our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by* ***Carrara*** *i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*
>
> Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali l-Qorti ta' l-Appell Kriminali[81] stabbilit li:
>
> *Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh.*
> *Kif jghid il-**Carrara** [op.cit. Vol. I , para. 2035]:-*
>
> *"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*
> *u l-**Crivellari** jghid :-*
>
> *"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*
>
> ***Il-Professur Sir Anthony Mamo*** *[Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*
>
> *"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*
>
> *u l-**Maino** fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*
>
> *"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*
>
> *u aktar ' isfel :-*
>
> *"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*
>
> *U mbaghad il-**Cassazione ta' Ruma** ukoll irriteniet li :-*

---

[79] Per Magistrat Dr. Doreen Clarke; Kumpilazzjoni Numru: 209/2011 Dec.7 ta' Jannar, 2013
[80] Notes on Criminal Law Vol II pagna 269.
[81] Ref **Pulizija vs John Galea** deciza 31/01/2003

> *"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]*
>
> Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process jirrizulta li l-imputat ha l-vettura, li ma kenitx tieghu imma ta' missieru, minghajr il-kunsens ta' sidha; ghalhekk jirrizultaw l-elementi materjali kollha tar-reat in ezami. Illi dwar l-element intenzjonali fil-fehma tal-Qorti dan il-kaz facilment jaqa taht definizzjoni ta'l-hekk imsejjah furto d'uso ghaliex jidher car li l-imputat ha l-vettura ta' missieru biex juzaha. Il-furto d'uso pero jibqa furto fis-sens li fisserq il-gwadan mhux necessarjament ikun gwadan pekunjarju … **il-gwadan maghmul mill-uzu tal-haga huwa bizzejjed[82]**. In fatti dak li jissejjah furto d'uzo hu serq, fejn propju l-gwadan hu maghmul jikkonsisti mill-uzu anke temporanju, ta'l-oggett misruq[83] .
>
> Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Mhemmx dubbju ghalhekk li l-prosekuzzjoni ppruvat din l-ewwel imputazzjoni.

Ghalkemm ma giex ppruvat il-valur ta' din il-vettura, il-Qorti m'ghandhiex dubbju li din hi ta' izjed minn €232.94. Peress li lanqas ma giet pruvata s-sena ta' manifattura u peress li Mangion jghid li xtraha ghall-*parts* u ghalhekk ma jistax jigi determinat x'valur kellha, kif ukoll in segwitu tal-principju *in dubio pro reo*, il-Qorti qed tikkunsidra li l-valur tal-vettura ma jecedix €2,329.37.

It-Tieni Imputazzjoni

B'rifereza ghall-istess provi, tirrizulta daqstant iehor pruvata t-tieni imputazzjoni ravvizata bl-Artikolu 61(1) ta' l-*Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku*.

L-Imputazzjonijiet Nru.3-6: Vjolazzjonijiet tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.

Mangion jixhed li peress li importa it-Toyota Ractis mill-Japan biex izarmah, **ma kienx irregistrah ma Transport Malta u ghalhekk ma kellux pjanci.**[84]

Stephen Cachia jixhed li **l-vettura b'chassis number DBASCP100CHXMKJ ma kienitx registrata ma Transport Malta**.[85] Dan ic-*chassis number* gie kkonstatat

---

[82] Sottolinear ta' dik il-Qorti.

[83] Ref **Pulizija vs Martin Dimech** Appell Kriminali deciza 10.07.1998

[84] Fol.252

[85] Fol.52-53

minn PS274 Turner in segwitu tal-investigazzjonijiet minnu kondotti fuq it-Toyota Ractis li kien qed jinstaq minn Borg.

Mill-banda l-oħra **PS918 Clayton Azzopardi** jixhed li l-ewwel darba li ra lit-Toyota Ractis kien fil-Marsa u wara f'Ħaż-Żebbuġ fejn ġie arrestat Borg.

Filwaqt li Emanuel Mangon jixhed li peress li ma kienitx reġistrata, pjanċi ma kellhiex, PS918 Azzopardi jgħid: *"kif waqqafna l-vettura* ***l-pjanċi ta' quddiem ma kinetx taqbel mal-pjanċa ta' wara….ta'quddiem kienet…EBP156 li kienet tappartjeni lil Alfred Borg u tgħajjat vettura Toyota u fuq wara l-istess numru li konna rajna l-Marsa kien qiegħed fuq wara FBB016".***[86] Minn naħa tiegħu Cedric Zammit jixhed kif mill-*footage* li huwa ra, it-Toyota Ractis **kienet qed tinstaq mill-imputat bla numri.**[87] Stephen Cachia mbgħad qal li **ACE782** jappartjenu Peugot 406 silver[88]; **BCD248** jappartjenu Citroen C3;[89] **HBN324** jappartjenu lil Toyota Yaris;[90] **EBP156** jappartjenu għal Toyota Ractis silver reġistrata fuq Alfred Borg;[91] **FBB016** jappartjenu Toyota Hilux,[92] u **LAC137** jappartjenu Peugot 306.[93]

Fl-istqarrija tiegħu Borg jammetti li kien qed jiġri bil-vettura iżda aktar rilevanti minn hekk jiddikjara li hu biss kien jagħmel użu minn din il-vettura, ***"Jien biss….*** *qabel kont il-Marsa għall-ħabta tas-19:30 jew 19:45hrs.".*[94]

Għalhekk ġew soddisfaċenetment ippruvati l-imputazzjonijiet 3 sa 5, tenut kont li rriżulta li l-vettura ma kienitx reġistrata ma Transport Malta[95] u konsegwentement lanqas kellha liċenzja jew permess ta' ċirkolazzjoni validi;[96] ġie pruvat ukoll kif meta din il-vettura ma kellhiex pjanċi ta' reġistrazzjoni fuqha,[97] Borg kien qed isuqha bi pjanċi li jappartjenu żewġ vetturi oħra.[98]

Madanakollu fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, dik ravvizata bir-regolament 32(5) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur,

[86] Fol.257
[87] Fol.43
[88] Fol.57 juri li qabel l-20 ta' Novembru, 2017 kienet tappartjeni lil Karl Attard
[89] Fol.58-59
[90] Fol.60-61
[91] Fol.62-63
[92] Fol.64-65
[93] Fol.66-67
[94] Fol.31
[95] Imputazzjoni Nru.3
[96] Imputazzjoni Nru.4
[97] Imputazzjoni Nru.5
[98] Imputazzjoni Nru.6

dan l-artikolu baqa' ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghut minnu. Ghalhekk ma tistax tinstab htija fuq is-sitt (6) imputazzjoni.

Imputazzjoni Nru.7: Nuqqas ta' Assikurazzjoni bi vjolazzjoni tal-Artikolu Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta

Emanuel Mangion jixhed li ma kienx ghamel assikurazzjoni ghal din il-vettura.[99] B'hekk din l-imputazzjoni giet pruvata.

Imputazzjoni nru.8: Serqa B'Kara, b'detriment ta' Cedric Zammit

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija** vs **Eleno sive Lino Bezzina** gie deciz:[100]

> Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat *'beyond reasonable doubt,'* kif gie deciz fil-kawza **"Pulizija vs Bugeja",** tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.
>
> Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.
>
> Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **"Pulizija vs Peter Ebejer"** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997 qalet illi:-
>
> *"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz* ***"Miller v. Minister of Pensions"*** *[1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*
>
> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of*

[99] Fol.252

[100] Per Onor. Imhallef Raymond C. Pace, Onor. Imhallef David Scicluna u Onor. Imhallef Joseph R. Micallef; Deciza 24 ta' April, 2003, Att t'Akkuza Numru 10/1994

*justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).*[sottolinejar tal-Qorti]

Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** [101] ddecidiet:

> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda ....... biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. [sottolinejar tal-Qorti][102]

Fil-kaz in dezamina, bosta huma l-provi indizzjarji ossia *circumstantial evidence* li jorbtu lill-imputat ma din is-serqa li sehhet fis-7 ta' Novembru, 2017:

***(i)*** Borg jammetti li kien **hu biss** li jsuq il-vettura Toyota Ractis ***"Jien biss";***

(ii) *Stills* mehuda minn *cctv footage*[103] juru l-magna li kienet tappartjeni lil Cedric Zammit titghabba f'-Toyota Ractis wara l-ingress fil-fond derubat;

(iii) Toyota Ractis li hi preciza bhal dik misjuqa mill-imputat kif gie indikat mill-informant li sahaq li Borg kien imur fuq il-lant tax-xoghol b'vettura identika;

(iv) Ritratt juri l-magna fuq wara tal-vettura tinstaq fit-triq;

(v) Zammit jghid li din l-bicca ghodda kienet tiswa **€2,700**[104]**; t**irrizulta l-kwalifika tal-valur;

(vi) Irrizulta li s-serqa sehhet ghall-habta tas-**7.30pm**:[105]*"Fis-sitta u kwart ta' filghaxija…ghamlu siegha u nofs diehlin u hiergin…wara ftit rajnihom hiergin bil-magna"*; tirrizulta l-kwalifika tal-hin.

---

[101] Per Onor Imhallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella; Deciza 5 ta' Lulju, 2002.

[102] Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Profs. H. Harding, Onor. Imhallef Joseph A. Herrera u Onor. Imhallef Carmel A. Agius, **Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada; Deciza 15 ta' Mejju, 1990: L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci.**

[103] **Dok.ET1** a fol.115

[104] Fol.46

[105] Fol.42, per Cedric Zammit

(vii) Intqal ukoll kif *"**nqalghu xi hitan** biex harguha din l-magna, saret l-hsara u ma sibtiex hemm, sibt il-plastic mal-art…anke l-hitan qalghu biex harguha din il-magna";*[106] b'hekk tirrizulta l-mezz.

Fuq dan l-insenjament u fid-dawl tar-rizultanzi processwali, il-Qorti tqis li **l-provi indizzjarji, mehuda fl-assjem taghhom, huma tassew univoci w jwasslu lil din il-Qorti ghal dik ic-certezza morali** li l-imputat kien ikkometta s-serqa ghad-dannu ta' Cedric Zammit, liema serq gie kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi €2,329.37; b'hekk it-tmien imputazzjoni giet ampjament ppruvata.

L-Imputazzjoni Nru.9: Serqa Qormi, ghad-detriment ta' Carlo-Antonio Vassallo

Filwaqt li ssir riferenza ghall-gurisprudenza appena enuncjata, imiss li jigu kkunisdrati l-provi li jorbtu lill-imputat anke ma din is-serqa. Provu li mehuda flimkien jammontaw ghal dik l-univocita` li twassal ghac-certezza morali ta' din il-Qorti li Borg, ghandu jinstab hati ta' din l-imputazzjoni:

(i) Is-serqa sehhet fit-3 ta' Novembru, 2017 u fl-14 ta' Novembru, 2017 Borg jammetti li ***"Jien biss"*** jaghmel uzu mit-Toyota ghall-gimgha w nofs;[107]
(ii) *footage* wera Toyota Ractis, bhal dik misjuqa mill-imputat, tigi pparkjata fil-parkegg biswit is-sit li kienet qed issir kostruzzjoni fih;
(iii) Carlo Vassallo jixhed kif il-kumpanija CE Installations insterqula ghoddod li jiswew bejn **€1,200-€1350**.[108] Tirrizulta l-kwalifika tal-valur;
(iv) PS274 James Turner jixhed kif investiga din is-serqa w *ezamina cctv footage*. Irrizulta li Toyota Toyota Fun Cargo/Ractis silver ipparkjat quddiem il-fond derubat ghall-habta tal-**4.30am** minn fejn niezlu zewg persuni, u halliet il-post fil-5.52am.[109] *Stills*[110] esebiti minn Turner juru l-vettura tinstaq fid-dlam bil-hin immarkat fuq l-istess *stills* ikun dak tal-4:29-4:50. Ghalhekk tirrizulta l-kwalifika tal-hin;
(v) Tirrizulta wkoll il-kwalifika tal-mezz tenut kont li gew sgassati biebien kemm isfel kif ukoll fis-sular ta' fuq, fejn katnazzi gew

[106] Ibid.
[107] Fol.31
[108] Fol.88-89
[109] Fol.19
[110] **Dok.JT1** a fol.40

mqaccta.[111] Carlo Antonio Vassallo issemmi kif sabu l-katnazzi *"kien imqaccat";*[112]

(vi) L-Ispettur Borg issemmi kif bdiet tfitxxija ghal din il-vettura u li xi jiem wara, irrizulta li anke l-Ispettur Taliana kien qed jinvestiga vettura identika in konnessjoni ma serqa f'B'Kara. Kien in konnessjoni ma dik is-serqa li gie identifikat Borg bhala wiehed mill-malviventi. Borg li dakinhar stess tas-serqa f'B'Kara gie arrestat waqt li qed isuq vettura identika ghal dik li tisher fl-*stills* mehuda minn *cctv footage* li koprew is-siti li sfaw derubati[113];

(vii) Advic Dzemel xehed li fis-sit li gie sgassat hu kien qed jaghmel xoghol ta' *electrician*[114] filwaqt li minn tfittxijiet li saru fil-vettura mal-arrest ta' Borg instabu numru kbira ta' *electrical fittings.* [115]

L-imputazzjoni Nru.10: Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali

L-artikolu 287 jipprovdi:

> Kull min, wara li jkun ġie ikkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, **jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu;** inkella jinsabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew **għodod oħra tajbin għal ftuh jew sgassar ta' serraturi,** jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu f'dak iż-żmien, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.

Mill-fedina penali u sentenzi esebiti, jirrizulta li fl-2010 u fl-2015 Borg gie kkundannat fuq reati ta' serq. Jammettiha hu stess fl-interrogazzjoni.[116]

PS918 Clayton Azzopardi jsemmi li malli waqqaf lil Borg fil-vettura, lemah diversi oggetti relatati ma serq, *"ingwanti, cutter tax-xbieki fuq wara, kellha xeba fittings, jiggers…. pjanci"*.[117] Dan meta Emanuel Mangion jixhed li fit-Toyota ma kienx hemm ghajr l-*jack* u l-ghodda li jkun hemm f'kull vettura.[118]

---

[111] Fol.18
[112] Fol.89
[113] **Dok.JT1** a fol.40 re serqa Qormi; **Dok.ET1** a fol.115 re serqa B'Kara
[114] Fol.77-78
[115] Fol.24
[116] Fol.33
[117] Fol.256
[118] Fol.251-252

Minn naha tieghu PS Turner jixhed li fil-vettura misjuqa minn Borg, *"fuq quddiem tan-naha tal-vettura instabu … set spanners, par ingwanti homor, basket tal-ghodda. Wara s-seat tax-xufier …**imqass kbir ta' padwar zewg piedi**, jigger power tool…. fil-bagol instabet tnalja…. zewg hoodies suwed….".* Instabu fiha wkoll *logbook*[119] u *road licence* [120]li jghajjtu vetturi differenti flimkien ma **numru ta' pjanci ta' registrazzjoni[121] li jappartjenu vetturi ohra**, kif xehdu diversi sidien li rrakkontaw kif naqsu il-pjanci tal-vetturi taghhom; konferma ta' dan tasal ukoll minghand Stephen Cachia ghal Transport Malta, li jaghti informazzjoni kif dawn il-pjanci u dokumenti kienu jappartjenu sidien diversi.

Jigi mfakkar li fl-istqarrija tieghu, Borg, jikkonferma li l-ghodda misjuba huma tieghu izda naqas milli jaghti spjegazzjoni ghal dawn l-ghoddod. Isemmi li kien qed jaghmel xoghol f'ghalqa ta' siehbu izda ma joffri ebda dettal iehor meta mitlub jikkorobora ghaliex kellu jkollu fuqu dawk l-ghoddod.

Finalment ir-risposti li jaghti Borg meta mitlub jghid kif dawn l-oggetti, li kjarament jappartjenu vetturi ohra, instabu fil-vettura li jinsisiti kien **hu biss** li jaghmel uzu minnha, jaghti twegibiet li bla dubbju huma inveritjieri:

Per ezempju jghid li n-*number plates* - li jirrizulta mix-xhieda ta' PS Azzopardi kien qed isuq bihom - "kienu maghha;"[122] dikjarazzjoni li giet kontradetta minn Mangion li jishaq li pjanci ma kellhiex ghaliex ma kienx rregistraha. Dwar l-*jigger* jghid li kien ta' Robert Meli biex isir xoghol fuq saqaf, li fejn jinsab dan is-saqaf, jirrifjuta li jghid; l-istess dwar l-ghaqa fejn suppost jinsab dan is-saqaf;[123] dwar *log book* ta' vettura ACE782 *"lanqas naf li hemm logbook";*[124] dwar ir-*road licence* tal-vettura BCD248 misjuba fiha *"hemm kienet"*,[125] il-pjanca HBN342 sabha fir-rampa Haz-Zebbug[126] u dwar l-pjanci LCA137 *"Dawk ma nafx bihom".*[127] Twegibiet li minghajr ebda sforz t'immaginazzjoni juru li m'ghandhomx mis-sewwa!

Dawn l-oggetti, u senjatament id-dokumenti, inkluz il-pjanci li jappartjenu ghall-vetturi ohra, kellhom l-ghan li jiffacilitaw il-pjan malinn ta' Borg fid-dellirju ta' serqiet li kien qed iwettaq.

---

[119] ACE782
[120] BCD248
[121] HBN342, EBP156 u FBB016
[122] Fol.31
[123] Fol.32
[124] Ibid.
[125] Ibid.
[126] **Dok.KBZ1** a fol.172-173
[127] Ibid.

Imputazzjoni Nru.11: Ksur tal-Kundizzjonijiet ghall-Helsien mill-Arrest

Dwar l-imputazzjoni numru 11, **L-Ispettur Kurt Zahra** ikkonferma l-kundizzjonijiet dwar helsien mill-arrest tal-imputat li gew esebiti.[128] Jirrizulta l-obbligu tal-imputat li jirtira fir-residenza tieghu fit-8pm u ma johrogx qabel is-6am, kif ukoll li jekk jibdel l-indirizz ta' fejn jirrisjedi kellu jinforma lill-pulizija fi zmien 12 il-siegha. Daqstant iehor jirrizulta l-obbligu tieghu li ma jaghmel l-ebda delitt iehor ta' natura volontarja.

**PS918 Clayton Azzopardi** ddeskriva kif kienu ghall-habta tad-**9pm** fil-lejl tat-13 u 14 ta' Novembru, 2017, meta lemah il-vettura (li gja ntqal li Borg jammetti li kien hu biss li jaghmel uzu minnha), il-Marsa. Borg stess jammetti li kien il-**Marsa** izda jghid li kien bejn is-7.30-7.45pm. Aktar tard, fil-**12:15am** ntlemah isuq il-vettura hiereg mir-rampa ta' garaxx fi Triq Hal-Mula, Zebbug.[129] Dan kollu meta hu kellu jirrinkaza sat-8pm kif jammetti fl-istqarrija rrilaxxata minnu. Ghalhekk gie pruvat li hu kiser il-kundizzjoni ta' rinkazar imposta fuqu. L-istess kundizzjoni li inkissret anke fil-jum tat-3 ta' Novembru, 2017, peress li kif jixhdu l-*stills* dan kien qed jaghmel uzu mit-Toyota qabel il-5am. Ksur iehor sehh bl-ghemil ta' reati ohra ta' natura volontarja.

Madanakollu w ghalkemm Borg jammetti li kellu kundizzjonijiet li jidhol id-dar fit-8pm u ma johrogx qabel is-6am kif ordnat mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale,[130] ma jirrizultax sal-grad mistenni liema digriet gie hekk trasgredit u dan peress li l-prosekuzzjoni, fl-imputazzjoni migjuba, ma taghmel l-ebda riferenza ghad-data tad-digriet u lanqas mill-atti ma tirrizulta din id-data.

Hu ferm improbabbli li hemm aktar minn digriet wiehed b'dawk il-kundizzjonijiet ta' rinkazar mahruga mill-Magistrat Dr. F. Depasquale, izda anke tenut kont li qed tintalab il-konfiska favur il-Gvern ta' somma specifika (€5,500), il-Qorti jrid ikollha serhan il-mohh dwar liema digriet partikolari inkiser mill-imputat.

Mhux biss, hemm konsiderazzjoni ohra li l-Qorti ma tistax ma taghmilx. Minn imkien ma jirrizulta, sal-grad rikjest, li f'Novembru, 2017, meta wettaq ir-reati lilu addebitati, dawk l-istess kundizzjonijiet kienu ghadhom *in vigore.*

---

128 **Dok.KB2** a fol.14
129 Fol.255-256
130 Fol.33

Riferenza ser issir ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) **Il-Pulizija v. Hussein Hamada:**[131]

> **F 'dan il-kaz, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eccetra il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu nghataw ikunu ghadhom pendenti fil-mument meta jkun gie allegat li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.** Dan ghaliex fil-kaz li dawk il-proceduri kriminali jkunu gew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta maghhom – salv il-kaz t'appell mis-sentenza fejn jistghu jkunu ritenuti vigenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz din il-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk **il-Qorti ma tistax tassumi li ghadhom pendenti la darba din il-prova ma ngabitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u b'hekk ser tillibera lill-imputat minnha.**

Ghal daw ir-ragunijiet mhux qed tinstab htija rigward din l-imputazzjoni.

<u>Imputazzjoni Nru. 12: Ksur ta' Ordni ta' Probation</u>

Giet esebita sentenza datata d-19 ta' Jannar, 2015, li permezz taghha l-Magistrat Dr. Josette Demicoli poggiet lil Borg, li tieghu hemm elenkati l-konnotati, taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' 3 snin. [132]

Ir-reati li dwarhom qed tinstab htija gew kommessi f'Novembru, 2017, u fil-jiem ta' qabel, ghalhekk mhemmx dubbju li kien ghadu fis-sehh dak l-ordni. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tittratta mal-imputat dwar il-ksur tal-ordni ta' probation moghti nhar id-19 ta' Jannar, 2015.

<u>Artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation</u>

Ghalhekk il-Qorti se titratta mal-imputat kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dawk il-proceduri Simon Borg gie imputat talli:

> F'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozijoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe talli: -
>
> 1. Nhar it-13 ta' Frar 2011 bejn it-03.15hrs u 04.30hrs, minn Triq il-Liebru, Swieqi, ikkommetta serq minn vettura numru tar-registrazzjoni IBC-954 ghad

---

[131] Magistrat Dr. Neville Camilleri, Deciza 13 ta' Jannar, 2016
[132] **Dok.KBZ4** a fol.180 et seq

dannu ta' Joseph Arding u/jew xi nies ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe hsara fuq vettura numru tar-registrazzjoni IBC-954 ghad dannu ta' Joseph Arding u/jew xi nies ohra, liema ammont tal-hsara ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

3. Aktar talli nhar il-15 ta' Jannar 2011 bejn il-23.00hrs u 06.15hrs tas-16 ta' Jannar 2011, minn Triq il-Profs Walter Ganado, Pembroke, ikkommetta serq minn vettura numru tar-registrazzjoni CAC-439 ghad dannu ta' Maurizio Falzon u/jew xi nies ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mittejn, tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu (232.93), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe hsara fuq vettura numru tar-registrazzjoni CAC-439 ghad dannu ta' Maurizio Falzon u/jew xi nies ohra, liema ammont tal-hsara ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

5. Aktar talli nhar il-15 ta' Frar 2011 bejn il-23.15hrs u 03.30hrs tas-16 ta' Jannar 2011, minn Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, ikkommetta serq minn vettura numru tar-registrazzjoni **MTW-024** ghad dannu ta' Matthew Abela u/jew xi nies ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mittejn, tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu (232.93), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

6. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe hsara fuq vettura numru tar-registrazzjoni MTW-024 ghad dannu ta' Matthew Abela u/jew xi nies ohra, liema ammont tal-hsara ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

7. Aktar talli nhar it-8 ta' Frar 2011 bejn it-02.00hrs u l-05.15hrs, minn Triq Binja San Martin, Zejtun, ikkommetta serq minn vettura numru tar-registrazzjoni AAN-771 ghad dannu ta' Peter Camilleri u/jew xi nies ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu (232.93), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe hsara fuq vettura numru tar-registrazzjoni AAN-771 ghad dannu ta' Peter Camilleri u/jew xi nies ohra, liema ammont tal-hsara ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

9. Aktar talli nhar il-31 ta' Dicembru 2010 bejn is-06.00hrs u t-15.00hrs, minn Triq tal-Balal, San Gwann, ikkommetta serq minn vettura numru tar-registrazzjoni FBX-385 ghad dannu ta' Mark Kirk Schembri u/jew xi nies ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu (232.93), u bix-xorta tal-haga misruqa;

10. Aktar talli nhar il-31 ta' Dicembru 2010 bejn is-06.00hrs u t-15.00hrs, minn Triq tal-Balal, San Gwann, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe hsara fuq vettura numru tar-registrazzjoni FBX-385 ghad dannu ta' Mark Kirk Schembri u/jew xi nies ohra, liema ammont tal-hsara ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

11. Aktar talli nhar is-6 ta' Novembru 2010 bejn it-20.30hrs u 07.20hrs tat-8 ta' Novembru 2010, minn Triq is-Soll, Santa Venera, ikkommetta serq minn vettura numru tar-registrazzjoni IBJ-818 ghad dannu ta' Ronald Sillick u/jew xi nies ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mittejn, tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu (232.93), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

12. Aktar talli nhar is-6 ta' Novembru 2010 bejn it-20.30hrs u 07.20hrs tat-8 ta' Novembru 2010, minn Triq is-Soll, Santa Venera, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe hsara fuq vettura numru tar-registrazzjoni IBJ-818 ghad dannu ta' Ronald Sillick u/jew xi nies ohra, liema ammont tal-hsara ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47)

13. Aktar talli nhar is-16 ta' Awissu 2009 bejn l-22.30hrs u l-05.10hrs tas-17 ta' Awissu 2009, minn Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk, ikkommetta serq minn vettura numru tar-registrazzjoni LCB-794 ghad dannu ta' Roland Grech u/jew xi nies ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mittejn, tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu (232.93), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

14. Aktar talli nhar is-16 ta' Awissu 2009 bejn l-22.30hrs u l-05.10hrs tas-17 ta' Awissu 2009, minn Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe hsara fuq vettura numru tar-

registrazzjoni LCB-794 ghad dannu ta' Roland Grech u/jew xi nies ohra, liema ammont tal-hsara ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

15. Aktar talli nhar id-19 ta' Lulju 2009 bejn il-23.00hrs u l-16.00hrs tal-20 ta' Lulju 2009, minn Triq Ghar il-Gobon, Birkirkara, ikkommetta serq minn vettura numru tar-registrazzjoni KEV-081 ghad dannu ta' Kevin Buhagiar u/jew xi nies ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

16. Aktar talli nhar id-19 ta' Lulju 2009 bejn il-23.00hrs u l-16.00hrs tal-20 ta' Lulju 2009, minn Triq Ghar il-Gobon, Birkirkara, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe hsara fuq vettura numru tar-registrazzjoni KEV-081 ghad dannu ta' Kevin Buhagiar u/jew xi nies ohra, liema ammont tal-hsara ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

17. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi wettaq diversi reati fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 11 ta' Ottubru 2010 moghtija mill-Magistrat Dott. Anthony G. Vella LL.D., liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Ghaldaqstant din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dawk l-imputazzjonijiet li taghhom, fuq ammissjoni, kien instab hati salv ghall-imputazzjoni nru.17, li bl-istess sentenza, gie estiz il-perjodu operattiv tas-sena prigunerija moghti bis-sentenza tal-11 t'Ottubru, 2010.[133]

Illi dwar il-piena, il-Qorti qiset n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom qed jinstab hati, tal-ammissjoni tieghu fuq dawk l-imputazzjonijiet kif ukoll tal-fatt li fiz-zmien li sehhew dawn ir-reati l-imputat kien mahkum mill-vizzju ta' droga. Ittiehed konsiderazzjoni ta' dak li gie dikjarat fil-*pre-sentencing report* maghmul dak iz-zmien u li estratt minnu jinsab riprodott fis-sentenza esebita. Jidher li l-Qorti dak iz-zmien irrikonoxxiet l-isforzi tal-imputat biex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, fejn kien anke sab impjieg.[134]

<u>Imputazzjoni Nru.13: Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali</u>

Ir-reati addebitati lil Borg sehhew fl-2017 filwaqt li giet esebita sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli fid-19 ta' Jannar, 2015[135], li

[133] Fol.185
[134] Fol.185
[135] **Dok.KBZ4** a fol.180 et seq

permezz taghha estendiet il-perjodu operativ ta' sena prigunerija, originarjament erogat b'sentenza tal-Magistrat Dr. Anthony Vella tal-11 t'Ottubru, 2010, ghal 4 snin ohra.

Gie ampjament ippruvat mill-prosekuzzjoni li l-imputat wettaq reati, li dwarhom qed tinstab htija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

In segwitu ghal dak li ghamlet accenn ghalih l-abbli difensur, fejn ikkontendiet li Borg jista' jkun qed jiskonta sentenza wara dhul fis-sehh ta' sentenza sospiza, in vista li baqghet ma giet prezentata l-ebda informazzjoni ulterjuri dwar dan, il-Qorti ordnat lid-Direttur tal-Facilita` Korretiva ta' Kordin sabiex jinformaha x'sentenzi skonta jew iskonta l-imputat.

B'nota pprezentata nhar il-15 ta' Dicembru, 2020 il-Qorti giet infurmata li l-imputat kien qed jiskonta sentenza ta' 4 snin prigunerija moghtija mill-Onor. Imhallef Dr. Aaron Bugeja fl-10 t'Ottubru, 2019. Dik is-sentenza tittratta imputazzjonijiet differenti minn dawk migjuba fl-imputazzjoni numru 13. Fil-fatt fis-*social enquiry report* hemm riferenza ghall-fatt li Borg *"qatt ma skonta piena karcerarja"*[136] u dan skond informazzjoni moghtija mill-Facilita` fis-16 ta' Gunju, 2019.[137]

Ghalhekk ma hemm l-ebda impediment sabiex iz-zmien ta' sena prigunerija moghtija b'sentenza tal-11 t'Ottubru, 2010, jiddahhal fis-sehh.[138]

<u>Imputazzjoni Nru.14: Recidiva</u>

L-Ispettur Borg esebiet sentenza tal-11 t'Ottubru, 2010, li fiha l-konnotati tal-imputat.[139] L-imputazzjonijiet li dwarhom instab hati huma dwar serq. Din is-sentenza giet kkonfermata mill-ufficjal prosekutur f'dawk il-proceduri l-Ispettur Anne Marie Micallef Xuereb.[140]

Giet esebita wkoll sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli tad-19 ta' Jannar, 2015, li fiha l-konnotati ta' Borg, fejn Borg nghata ordni ta' probation ghal zmien 3 snin u 100 siegha servizz fil-kommunita`.[141] Bl-istess sentenza gie estiz il-perjodu operativ tas-sentenza moghtija fil-11 t'Ottubru, 2010 – dak ta'

---

136 Fol.281
137 Fol.309
138 **Dok.KBZ6** a fol. 156 et seq
139 **Dok.KBZ6** a fol.156 et seq. Kopja awtentikata ohra a fol.391 et seq
140 Fol.162
141 **Dok.KBZ4** a fol.180 et seq

sena – ghal 4 snin ohra. Din is-sentenza wkoll kienet tirrigwarda sejbien ta' htija fuq **serq.**

Tenut kont li s-sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony Vella kienet fl-2010, u in vista tal-fatt li dik moghtija fl-2015 mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli kienet wahda li poggiet l-imputat taht ordni ta' probation, ma jistax jinghad li l-imputat hu recidiv minhabba dawn is-sentenzi:

> **50.** Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Lanqas ma jista' jinghad li hu hekk recidiv in kwantu ghad-decizjoni tal-Magistrat Dr. Josette Demicoli li, fl-istess sentenza tal-2015, estendiet ghal zmien 4 snin ohra (u ghalhekk sal-2019) il-piena ta' sena prigunerija originarjament imposta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella, propju ghaliex l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jesigi li biex jinsab recidiv f'delitt l-imputat irid ikun "skonta" il-piena fuqu imposta. Ir-reati addebitati lil Borg twettqu biss sentejn wara dik is-sentenza, fejn ghalhekk ma kienx ghadu skonta dik il-piena.

Dan ir-ragunament izda ma japplikax fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fejn hawnhekk il-ligi issemmi biss "kundanna", maghdud mal-fatt li z-zewg sentenzi citati juru li Borg kien diga` gie kkundannat ghal serq f'zewg okkazzjonijiet separati.

Ghaldaqstant gie ppruvat li l-imputat hu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Il-Piena

A. Ghall-imputazzjonijiet odjerni

Dwar il-piena l-qorti qiset li fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, bil-piena l-aktar gravi tkun dik ravvizata ghas-serq, l-ewwel imputazzjoni. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputazzjoni numru 10 serviet bhala mezz ai fini ghall-imputazzjonijiet numru 8 u 9.

Il-Qorti kkunsidrat in-natura tal-imputazzjonijiet li dwarhom qed tinstab htija, kif gew affettwati d-derubati w senjatament Cedric Zammit li ghadu jittama li l-magna li pprovdietlu l-ghixien tieghu tigi rritornata lilu. Ittiehed

konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom dak kkonstatat fis-*social enquiry report* minn fejn jirrizulta li l-problema tad-droga kienet ir-raguni ghaliex l-imputat ssokta bil-hajja refrattarja tieghu.

Il-Qorti qiset ukoll li l-imputat hu recidiv ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

B. Piena ghall-ksur ta' ordni ta' Probation.

Il-Qorti aktar il-fuq[142] ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena fir-rigward tal-ksur tal-ordni ta' probation, imputazzjoni numru 12, meta trattat mal-imputat ai termini tal-Artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation. Jizdied biss li kien hemm 8 imputazzjonijiet ghall-serq u ghalhekk japplika l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Gie kkunsidrat li l-imputazzjonijiet numru 2, 4, 6, 8, 10, 12, 14 u 16 servew bhala mezz ai fini ghall-imptazzjonijiet numri 1, 3, 5, 7, 9, 11, 13 u 15 rispettivament.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numri sitta (6) u hdax (11), kif ukoll mill-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 20, 31, 49, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a)(b), 280(1)(2), 287 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 61(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 3, 13(2), 32(7) u 44(6)(7)(a)(d) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Ligi Sussidjarja 368.02 u l-artikolu 3(1)(a)(2)(2A) ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha w tikkundannah ghal **tlett (3) snin u nofs priġunerija,** li minnhom ghandu jitnaqqas il-periodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv (jekk kien hemm).

Inoltre`, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat, qed jinstab hati li kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli fid-

[142] Fol.24-25

19 ta' Jannar, 2015[143], qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom kien tpogga' taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli 7, 21 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u regghet rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 20, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(a)(b), 280(1)(2), 281(2), 289, 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni (f'dawk il-proceduri), issib lill-imputat hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u tikkundannah ghal **sentejn (2) prigunerija.**

A tenur tal-artikolu 3(2A) ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat qed jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar millum.

Inoltre` l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qed tordna illi s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat nhar 11 t'Ottubru, 2010 ta' **sena (1) prigunerija,** u kif estiza b'sentenza tad-19 ta' Jannar, 2015, tigi fis-sehh stante illi r-reati li dwarhom qed jinstab hati l-akkuzat gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza.

B'hekk b'kollox l-imputat ghandu jiskonta l-perjodu ta' **sitt (6) snin u nofs prigunerija.**

Finalment a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex ikompli jindirizza bis-shih l-vizzju tad-droga, anke jekk dan ikun jirrikjedi interventi minn professjonisti ohra u senjatament dawk fil-psikologija.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina s-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**

---

143 **Dok.KBZ4** a fol.180 et seq